Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1036/2002

**Cit Nru:  1036/02 JA**

**Traplas Limited.**

**-vs-**

**Mantwan Limited, kif rapprezentata f' proceduri gudizzjarji miz-zewg diretturi taghha Emmanuel Baldacchino u Anthony Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2002 li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ghaddiet lis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' Traplas Investmensts Limited is-somma ta' tmenin elf Lira (Lm80,000) bl-iskop li dawn iz-zewg socjetajiet jittrasferixxu tlett maisonettes proprjeta taghhom lil terzi ndikati mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta u s-socjeta' Traplas Investments Limited naqsu milli jittrasferixxu l-imsemmija tlett maisonettes kif miftiehem.

Illi s-socjeta' Traplas Investments Limited irrifondiet lis-socjeta' attrici erbghin elf lira (Lm40,000) mill-imsemmija somma ta' Lm80,000.

Illi nonostante l-fatt illi s-socjeta' konvenuta giet diversi drabi nterpellata sabiex tirrifondi l-bilanc ta' erbghin elf lira hija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' erbghin elf lira (Lm40,000).

Bl-ispejjez u bl-imhax legali mill-25 t' Ottubru, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta, ir-rappresentanti ta' liema socjeta' f' proceduri gudizzjarji huma minn issa nunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Robert Abela fit-13 ta' Settembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet t-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) bl-imghax legali mill-25 t' Ottubru, 1999 inkluz l-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------